MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 203/2001/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Polidano Bros Ltd. u/jew Paul Polidano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Marzu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm244.06) dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat li kkagunaw il-konvenuti jew min minnhom fuq cables appartenenti lis-socjeta` attrici f'Ottubru, 1999;**
**Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**
**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata Frar 2000 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-incident.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-20 ta' April, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-Korporazzjoni attrici u sehhew unikament minhabba negligenza, traskuragni, u imperizja da parti ta' l-istess Korporazzjoni attrici;**
**Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk kontestat;**
**Ghaldaqstant, s-socjeta` esponenti titlob li t-Tribunal jichad it-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kontra taghhom.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Paul Polidano, prezentata fl-20 ta' April, 2001, fejn intqal:**
**i. Illi preliminarjament l-esponent qatt m'agixxa f'ismu izda dejjem f'isem is-socjeta` Polidano Bros. Ltd. u konsegwentement huwa mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponent mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-Korporazzjoni attrici u sehhew unikament minhabba negligenza, traskuragni, u imperizja da parti ta' l-istess Korporazzjoni attrici;**
**iii. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk kontestat;**
**iv. Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob li t-Tribunal jiddikjara li mhux il-legittimu kontradittur u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u/jew fin-nuqqas jichad it-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kontra taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Busuttil u Martin Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghall-hsarat fil-cables tas-socjeta` attrici li allegatament saru mis-socjeta` konvenuta jew mill-konvenut.**
**2. Jibda biex jinghad li din il-kawza damet u inghataw diversi differimenti sabiex il-partijiet jippruvaw jittransigu. Kien biss wara li fallew dawn it-tentattivi li nstemghu x-xhieda fuq imsemmija.**
**3. Jibda biex jinghad li mix-xhieda u mill-invoice esebit, huwa evidenti li l-konvenut Paul Polidano mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu ebda locus standi fil-gudizzju, peress illi ma jirrizultax li dan qatt agixxa f'ismu personali. Ghahekk il-konvenut Paul Polidano ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**
**4. Dwar il-meritu tal-kawza, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet qed taghmel xogholijiet fi Triq Elia, San Gorg, meta inqata l-cable minnhom, waqt xogholijiet.**
**5. Skond ma xehed Victor Busuttil ghas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kienetx avzathom biex imorru jaghmlu l-marki dwar fejn hemm cables. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta lanqas ma ghamlet applikazzjoni kif solitu isir.**
**6. Martin Camilleri, li kien qed jaghmel it-"trenchwork" ghas-socjeta` konvenuta fil-jum ta' l-incident qal li waqt li qed ihaffru baqghu l-boghod xi pied u nofs lejn il-marki tal-cables tas-socjeta` attrici. Skond l-istess xhud l-cable kien aktar fil-wicc milli solitu ikun. Pero wara x-xhud jispjega li kien hemm fuq il-cable, saff ta' ramel u wara "slabs" tal-konkos u fuqhom aktar konkos.**
**7. Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu tal-fehma li ta bil-fors ma pprestax bizzejjed attenzjoni l-impjegat tas-socjeta` konvenuta waqt li qed ihaffer, u lanqas ma jirrizulta li dawn il-cables kienu daqshekk fil-wicc. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-cables li garrbet is-socjeta` attrici..**
**8. Dwar il-kwantum tad-danni dana jirrizulta mid-dokument VB esebit u konfermat mix-xhud Victor Busuttil. Ma hemmx prova li dawn id-danni kienu fil-fatt esagerati. Ma hemmx raguni l-ghala tali kont ikun meqjus bhala esagerat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Paul Polidano, jilqa’ t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Polidano Bros. Ltd. u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Polidano Bros. Ltd thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm244.06), bl-imghax legali dekorribbli mill-lum.**

**L-ispejjez tal-konvenut Paul Polidano ghandom jigu sofferti interament mis-socjeta` attrici, filwaqt illi in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez l-ohra ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------